

32007D0189

28.3.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 87/15

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Marzu 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2006/595/KE li telenka l-lista ta' reġjuni eliġibbli għall-finanzjament mill-Fondi Strutturali skond l-oġġettiv ta' Konverġenza għall-perjodu 2007-2013 għal dak li jikkonċerna l-Bulgarija u r-Rumanija

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 1283)

(2007/189/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1260/1999⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/595/KE⁽²⁾ ġiet stabbilita lista ta' reġjuni eliġibbli għall-finanzjament mill-Fondi Strutturali skond l-oġġettiv ta' Konverġenza għall-perjodu 2007-2013.
- (2) Wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, reġjuni fil-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jiżiedu fuq il-lista ta' reġjuni li jibbenefikaw mill-Fondi Strutturali skond l-oġġettiv ta' Konverġenza.
- (3) Id-Deċiżjoni 2006/595/KE għandha għalhekk tkun emendata skond dan.
- (4) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza legali, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2006/595/KE huwa emendat kif ġej:

- (a) It-titli li ġejjin jiddahhlu qabel it-titlu "CZ02 Střední Čechy":
"BG31 Severozapaden

BG32 Severen tsentralen

BG33 Severoiztochen

BG34 Yugoiztochen

BG41 Yugozapaden

BG42 Yuzhen tsentralen"

- (b) It-titli li ġejjin jiddaħħlu wara t-titlu "PT20 Região Autónoma dos Açores":

"RO11 Nord-Vest

RO12 Ċentru

RO21 Nord-Vest

RO22 Sud-Est

RO31 Sud-Muntenia

RO32 Bucureşti-Ilfov

RO41 Sud-Vest Oltenia

RO42 Vest".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni

Danuta HÜBNER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 210, 18.10.2003, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1989/2006 (ĠU L 411, 5.3.2005, p. 6).

⁽²⁾ ĠU L 243, 6.9.2006, p. 44.